**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, is-3 ta' Mejju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Joseph Mary Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Joseph Mary Vella,** iben Emanuel u Catherine nee' Vella, imwieled Birkirkara nhar l-20 ta' Marzu, 1947 u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 0299747M;

Akkużat talli nhar it-3 ta' Settembru 2023, għal habta ta' 06:30Hrs ġewwa Triq il-Kav. Giovanni Galdiano, Floriana:

1. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inkluż fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III, u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 ta' A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**
Mill-provi jirriżulta illi fit-3 ta' Settembru 2023 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu, waqt li PC333 u PC 541, flimkien ma' membri tal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) kienu qed jagħmlu spezzjoni fil-monti tal-Floriana, huma raw lill-imputat jagħlaq il-baggol tal-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni ICE547. Dan qajjem suspett fihom u għalhekk huma marru ħdejh u talbuh jiftaħ il-bagoll. Jirriżulta li l-imputat kellu numru ta' għasafar tal-għana, ossia erbgħa u għoxrin (24) griedel, mingħajr ċurkett ma saqajhom. Minn naħa tagħha d-difiża targumenta li dawn l-għasafar kienu *captive-bred* u li għalhekk m'hemm l-ebda ksur ta' liġi kif previst fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

Il-Qorti tibda l-ewwelnett billi tindirizza argument imqajjem mid-difiża waqt it-trattazzjoni, u ċioe li n-numru tal-karta tal-identita indikat fl-affidavits ta' PC331 u PC541 ma jaqbilx ma' dak tal-imputat u għalhekk dan joħloq dubbju raġonevoli li għandu jimmilita favur l-imputat. M'hemmx dubbju li n-numru tal-karta ta' identita indikat fl-affidavits imsemmija ma jaqbilx ma' dak tal-imputat, u dan peress illi f'dawn l-affidavits tniżżel in-numru 029974M filwaqt li n-numru tal-karta tal-identita tal-imputat huwa 0299747M. Il-Qorti tosserva pero li fid-dokument dwar ir-rifjut tad-dritt li jkellem avukat, immarkat bħala Dok EM3, in-numru tal-karta tal-identita huwa proprju tal-imputat, u dan id-dokument ġie ffirmat mill-imputat u minn PC331 u PC541. Anke d-dokument immarkat bħala Dok EM4, li huwa riċevuta tal-oġġetti u l-għasafar elevati mill-pulizija, jindika n-numru ta' karta ta' identita tal-imputat u ġie ffirmat mill-imputat. Il-Qorti tosserva inoltre li l-membru tal-WBRU li kienu preżenti għall-ispezzjoni, u ċioe Karl Cauchi u Jean Paul Portelli, it-tnejn għarfu lill-imputat fl-awla. Issa għalkemm huwa minnu li kull dubbju għandu jiġi riżolt favur l-imputat, dan id-dubbju għandu jkun wieħed raġonevoli. F'dan il-każ, ikkonsidrat l-identifikazzjoni tal-imputat mill-membri tal-WBRU u d-dokumenti immarkat Dok EM3 u Dok EM4, il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li d-dubbju sollevat mid-difiża huwa wieħed raġonevoli, u għalhekk ma jistax awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-imputat mill-akkuża dedotta kontra tiegħu.

Fir-rigward tal-mertu tal-akkużi, jinsab suffiċjentement pruvat, u *del resto* huwa ammess mid-difiża, li l-ebda wieħed mill-għasafar li kienu fil-pussess tal-imputat fit-3 ta' Settembru 2023 ma kien imlibbes ċurkett. Id-difiża tikkontendi li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li dawn l-għasafar inqabbdu illegalment, u lanqas tal-eta tal-għasafar, u li fil-liġi m'hemmx terminu entro liema għasfur irid jitlibbes ċurkett, u għalhekk ma jistax jiġi eskluż li dawn l-għasafar huma *captive-bred.*

Il-Qorti tosserva li huwa kompletament żbaljat l-argument tad-difiża li l-liġi ma ssemmi ebda terminu entro liema għandu jitlibbes ċurkett fuq għasfur li jkun *captive bred.* L-artikolu 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jiddefinixxi ċurkett b'dan il-mod:

> ""ċurkett magħluq" tfisser ċurkett tas-sieq magħluq mingħajr saldatura f'ċirku kontinwu, mingħajr ebda qsim jew tgħaqqid, li

> makienx imbagħbas b'xi mod, li hu ta' daqs xieraq għall-ispeċi kkonċernata u li jkun ġie manifatturat kummerċjalment għal dan il-għan u għall-ispeċi kkonċernata, u li ma jistax jitneħħa minn għasfur meta siequ tkun kibret għal kollox wara li **jkun ġie applikat fl-ewwel ġranet tal-ħajja tal-għasfur**:" [enfażi ta' din il-Qorti].

Skont l-istess artikolu, sabiex għasfur jista' jitqies bħala għasfur imrobbi fil-magħluq, u ċioe *captive-bred,* dan l-għasfur irid tabilfors ikollu ċurkett magħluq, jew *microchip transponder* jekk it-tip ta' għasfur jew l-imġieba tiegħu ma jippermettux l-użu ta' ċurkett magħluq.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Mallia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 2023 fejn intqal hekk:

> "id-difiża bbażata fuq li l-għasafar kienu kollha captive birds ma tistax tirnexxi minħabba li l-awtorizzazzjoni dwar iċ-ċrieket hija rikjesta mil-liġi u din ma saritx kif ukoll għaliex, skont il-liġi stess, huwa meħtieġ li d-dokumentazzjoni tibqa' tinżamm…"

Il-prosekuzzjoni eżebiet sett ta' ritratti tal-għasfur mertu tal-akkużi odjerni, u minn dawn ir-ritratti jirriżulta manifestament u mingħajr ombra ta' dubbju li għalkemm l-għasafar huma frieħ, żgur li huma ikbar minn ftit ġranet. Għalhekk, sabiex dawn l-għasafar jitqiesu li huma mrobbija fil-magħluq ai termini tal-liġi, meta nstabu mill-uffiċjali tal-pulizija u tal-WBRU fit-3 ta' Settembru 2023 kellhom jinstabu liebsin ċurkett. Mill-provi jirriżulta pero, u mhuwiex ikkontestat, li l-ebda wieħed minn dawn l-għasafar ma kien liebes ċurkett.

Fir-rigward tal-argument tad-difiża li l-imputat għandu jiġi liberat peress li l-prosekuzzjoni ma talbitx li jiġi appuntat espert sabiex jiddetermina l-eta` ta' dawn l-għasafar, il-Qorti tosserva li r-regolament 4(1)(e) jixħet fuq l-imputat l-oneru li jipprova il-legalita tal-pussess tiegħu tal-għasafar konċernati jekk jagħżel li jibbaża d-difiża tiegħu fuq tali legalita. Għalhekk, ladarba l-imputat ibbaża d-difiża tiegħu fuq allegazzjoni li l-għasafar in kwistjoni kienu mrobbija fil-magħluq ai termini tar-regolament 4(1)(e) (iv), kien jispetta għalih li jressaq tali prova fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Dan l-imputat m'għamlux, u għalhekk ma jistax jippretendi li din il-Qorti tilliberah mill-akkuża dedotta kontra tiegħu għaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li skont il-liġi kienet tmiss lilu li jressaq.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-akkużi jinstabu suffiċjentement pruvati mill-prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-fedina penali tal-imputat turi li m'għandux karattru refrattarju, u wkoll il-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija u l-uffiċjali tal-WBRU. Pero, il-Qorti tqis li l-multa ma tistax tingħata fil-minimu, kif suġġerit mid-difiża, ikkonsidrat in-numru sostanzjali ta' għasafar li nstabu fil-pussess tal-imputat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-regolament 4(1)(e) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, issib lill-imputat ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u tikkundannah għal-ħlas ta' multa ta' elf u tmin mitt ewro (€1,800), li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Ewro (€60) fix-xahar. F'każ li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti tordna il-konfiska tal-gabjetti u l-għasafar indikati f'Dok EM4 u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur